MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 433/2014/1

**Herbert De Bono**

**(karta ta’ l-identita` numru 164732 (M))**

**vs**

**Eugenio u Jennifer konjugi Farrugia**

**I.D. 15362(M) u 179063(M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-18 ta’ Marzu, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament talab is-segwenti:

1.1. Illi l-intimati huma proprjetarji tal-fond 51, *“Soleandra”*, Triq il-Wasliet, Swieqi, soggett ghac-cens perpetwu anwu ta’ mija u erba’ Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€104.82), li jithallas lir-rikorrenti;

1.2. Illi r-rikorrenti jixtiequ jirredimu l-imsemmi cens u talbu biex isir l-att ta’ redenzjoni;

1.3. Illi r-rikorrenti jsostni li meta l-fond *de quo* kien akkwistat minnu, hu kien ghadu mizzewweg ma’ Astrid Debono, illum Francone;

1.4. Illi b’sentenza data l-10 ta’ Settembru, 1985, iz-zwieg tar-rikorrenti minn ma l-imsemmija Debono, illum Francone, kien gie dikjarat annullat;

1.5. Illi pero` fl-imsemmija sentenza ma` gie dikjarat xejn ghal dak li jirrigwarda l-kommunjoni tal-akkwisti tal-istess partijiet hemm involuti;

1.6. Illi ghalhekk “superficjalment jidher li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghadha vigenti”, (ara fol 1);

1.7. Illi *di piu`*, hemm ukoll procedura appozita li prezentement hi intiza biex l-imsemmija komunjoni tigi terminata (ara fol 2);

1.8. Illi l-intimati qeghdin ghalhekk jitolbu li l-imsemmija Astrid Debono, illum Francone, tidher fuq l-att *de quo*;

1.9. Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti qieghed jitlob is-segwenti:

1.9.1. Illi l-konjugi intimati Farrugia jigu inibiti milli jeffetwaw ir-redenzjoni in dizamina;

1.9.2. U dan, ghaliex ir-rikorrenti jigi pregudikat jekk ma jsirx kif indikat fil-paragrafu precedenti;

2.0. Rat ir-risposta datata l-25 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha sintetikament jinghad is-segwenti:

2.1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi infondata;

2.2. Illi c-cens in dizamina hu kostitwit mis-socjeta` *G.S.D. Development Company Limited* b'kuntratt tat-30 ta' Settembru, 1969, in atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro, (ara fol 12);

2.3. Illi minhabba l-kondizzjoni rigwardanti r-rata tal-fidi tac-cens involuta, l-intimati huma prekluzi milli jifdu l-istess cens permezz ta' cedola ta' depozitu;

2.4. Illi l-intimati ghandhom id-dritt li jifdu c-cens "... f'kull zmien ...", (ara fol 13);

2.5. Illi l-intimati huma intitolati jifdu c-cens *de quo*;

2.6. Illi appena z-zwieg tar-rikorrenti gie annullat bis-sentenza tal-10 ta' Settembru, 1985, il-komunjoni tal-akkwisti giet xolta;

2.7. Illi r-rikorrenti m'hux qed jallega li bil-fidi tac-cens in dizamina, l-intimati qed jaghmlu xi haga irregolari;

2.8. Illi r-rikorrenti m'hux ser isofri pregudizzju irrimedjabbli jekk ma jintlaqax il-mandat *de quo*;

2.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

3.0. Illi fil-procedura odjerna r-rikorrenti jinhtieg li jissodisfa s-segwenti rekwiziti biex din tkun tista' tigi milqugha:

3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet pretizi mir-rikorrenti;

3.2. Illi r-rikorrenti ghandu *prima facie* dawn id-drittijiet minnu vantati;

Ikkunsidrat:

4.0. Illi analizi tad-dokumentazzjoni esposta tirrizulta fis-segwenti:

4.1. Illi l-intimati jixtiequ jifdu c-cens in dizamina biex jikkonsolidaw il-proprjeta` taghhom fuq indikata (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);

4.2. Illi d-dominju dirett tal-istess jirrizulta li jghajjat lir-rikorrenti li kien kellu iz-zwieg tieghu annullat b'sentenza regolari datata l-10 ta' Settembru, 1985;

4.3. Illi fis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti ma jigi indikat xejn rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-protagonisti hemm involuti;

Ikkunsidrat:

5. Illi pero`, ghalkemm ir-rikorrenti jsostni li l-komunjoni *de quo* allura ghadha *in vigore*, jirrizulta li c-cens involut ma jappartjenix lill-persuni fizici hemm ivoluti izeda lil socjeta` bl-isem *G.S.D. Development Company Limited*, (ara fol 12);

Ikkunsidrat:

6. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti m'ghandu l-ebda *locus standi* fil-vertenza in dizamina;

7. Illi konsegwentement, wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-hrug tal-mandat *de quo* jirrizulta li m'hux sodisfatt kif stabbilit mill-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**DECIDE:**

8.0. Illi konsegwentement, stante li r-rikorrenti m'hux ser jigi pregudikat:

8.1. Takkolji r-risposti tal-intimat;

8.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

8.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------